**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62** **21 ta' Ġunju, 2023**

Il-Kunsilll Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk , fl- 4:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira _ Viċi Sindku
Stephen Caruana _ Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Dr Mary Musact _ Kunsillier

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

Dr. Mary Muscat assenti b'apoloġija għal- laqgħa ta' kontinwazzjoni.

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **62.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 62.1.1 | Għall- ewwel laqgħa datata fil -21 ta' Ġunju ma' kien hemm ħadd assenti |
| 62.1.2 | Għat- tieni laqgħa li kienet aġġornata għat- 3 ta' Lulju, kien hemm il- kunsilliera Dr. Muscat li kienet assenti b'apoloġija uffiċċjali. |
| | |
| **62.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 62.2.1 | Il-minuti ta' seduta numru 61 kienu tqassmu lill- Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 62.2.2 | Il-Vici Sindku Sa. Desira proponiet u l- Kunsilliera Dr. Muscat issekondat, il- minuti għaldaqstant ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti |
| 62.2.3 | Is- Sindku u Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett. |
| | |
| **62.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 62.3.1 | Rappreżentanti ta' Triq Bartolo Longo kienu preżenti. Wara diskussjoni libera kif tahom permess is-Sindku. Ġie maqbul li ħa ssir pjanta oħra kif qegħdin jipproponu r-residenti.<br>1: Bil- karozzi pparkjati laġenba ('fishbone')<br>2: Issir 'roundabout' flok 'central strip'<br>3: Ipparkjar bl- 'exhaust pipe' l- barra |
| 62.3.2 | Ir- residenti ġibdu l-attenzjoni li qiegħed ikun hemm xi ksur ta' paċi pubblika u ġew gwidati mis-Sindku kif ukoll mill-Kunsilliera preżenti biex jirrapportaw lill- Pulizija tal- komunità jew tal- Għassa. |
| 62.3.3 | In-nies preżenti telqu. |
| 62.3.4 | Is-sindku informa li dawn l-aħħar ħmistax Triq iċ-Ċippi kienet 'one-way' u l-flow tat- traffiku naqas. |
| 62.3.5 | Is-sindku informa lill-Kunsilliera li l- Ġimgħa l-oħra kellu laqgħa ma' TM biex jiddiskutu f'każ li x-Xatt ikun magħluq kif jgħaddi t-traffiku. Id -diskussjoni għadha għaddejja. |
| 62.3.6 | Rappreżentanti tal-monti kienu prezenti. |
| 62.3.7 | Is- Sindku beda billi sostna li hemm bżonn isir kemm jista' jkun malajr il- 'Master Plan' u li hu jrid jagħmel laqgħa mal- Ministru tat-Turiżmu. B'dan il- mod jinqata' id-diżgwid. Is-sindku sostna li għandna nimxu mal-pjanta ta' 15-il pied għal kulħadd u wisa' jibqa' skont il-monti |

<table>
<tr><td></td><td>ta’ nhar ta’ Ħadd. Irid ikun hemm passaġġ mill-pjazza sa fejn hemm Skall No 4. Iridu jsiru wkoll sinjali mal-art li jimmarkaw it- tqegħid ta’ kull posta biż-żebgħa ħadra.</td></tr>
<tr><td>62.3.8</td><td>Il- Kunsillier Daniel Zerafa informa l-Kunsill li għandu kunflitt ta’ interess u għaldaqstant ma jistax jivvota.</td></tr>
<tr><td>62.3.9</td><td>Is-Sindku ta ċans lill- bejjiegħa tal-monti jagħtu l-opinjoni tagħhom, fejn dawn qablu ma 15-il pied kull wieħed, pero` min qiegħed jarma fuq barra jibqa’ fuq barra u ma jibdewx jarmaw ġewwa wkoll. Dawn resqu wkoll domandi li ġew imwieġba waħda waħda mis- Sindku.</td></tr>
<tr><td>62.3.10</td><td>Is- Sindku rrimarka li l- bejjiegħa tal- monti għandhom permess għall- vann wieħed biss.</td></tr>
<tr><td>62.3.11</td><td>Il-bejjiegħa tal- monti reġgħu qajmu xi mistoqsijiet li għalihom wieġeb is-sindku.</td></tr>
<tr><td>62.3.12</td><td>Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat -3 ta’ Lulju fl-4:30pm</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Aġġornament għall- kontinwazzjoni tal- laqgħa no 61.<br>Illum 3 ta’ Lulju, 2023 , fl- 16:30.</td></tr>
<tr><td></td><td>Kontinwazjoni tal- komunikazzjonijiet mis- Sindku.</td></tr>
<tr><td>62.3.13</td><td>Is-sindku ressaq il- proposta li l- posta tal- monti ta’ matul il ġimgħa tkun bi 15- il pied.<br>Preżenti kien hemm:<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Asstensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td></td><td></td><td>X</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td></tr>
</table>
<br>B’hekk il-votazzjoni ġiet dik ta’ tnejn favur u waħda tastjeni.</td></tr>
<tr><td>62.3.14</td><td>Is- Sindku sostna li fuq it-tabelli max- xatt li jagħmlu tar-restoranti kif ukoll il- bejjiegħa tal ‘boat trips’ ħa jħalli f’idejn it- Transport Malta jagħtu direzzjoni.<br><br>Is-sindku semma wkoll li Triq Marsaxlokk li tħalliet mhux kompluta kien minħabba l-fatt li mid-dipartiment tal WSC kellu jsir updraining</td></tr>
<tr><td>62.3.15</td><td>Is-Sindku nforma lill- kunsill li attenda żewġ laqgħat il-parlament flimkien mas- segretarju eżekuttiv fejn ġiet diskussa il- ‘bye-law’ rigward il- caravans/campers. Ressaq il-proposti ta’ fejn il-kunsill issuġġerixxa li jkun hemm ‘designated area’</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | |
| 62.3.16 | Is-sindku attenda wkoll għal-laqgħa San Ġwann, fl- uffiċini tal- Projects Green, fejn ġie diskuss il- proġett tal- Kavallerizza fejn hemm propost li jsir "family park". |
| 62.3.17 | Is-Sindku attenda għal Press conference fejn il-lokalità ta' Marsaxlokk ingħatat l-fondi għall-attivitajiet tal- Milied |
| 62.3.18 | Is- Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-ħmieġ li qiegħed jitħalla mill- bejjiegħa tal-ħut. Hu kompla billi qal li jridu jibdew iġibu skip bejniethom fejn jibdew jarmu l-fdalijiet tal-ħut. |
| 62.3.19 | Rigward it-tender ta' Sqaq Bużbieżi, is-sindku informa l -kunsilliera li jrid jaqa` u jinfetaħ ieħor ġdid wara konsultazzjoni mad- dipartiment fejn ma kienx hemm id- dokumenti kollha li kien hemm bżonn. |
| 62.3.20 | Is-sindku rrimarka li minħabba l-kwistjoni li tqajmet fuq id-Dog Park, il-perit kellu laqgħa mal-ERA fejn se jkunu qeghdin isiru xi emendi biex kemm jista' jkun ma jitmissux siġar. |
| 62.3.21 | Rigward Triq Giulino Maniscalco, is- sindku semma li għalkemm hemm kameras imqabbdin mal-LESA xorta hemm bżonn kameras lejn tas- Silġ. |
| 62.3.22 | Il-bankina ta' Triq l-Arznell li qiegħda tiġi rranġata ġejja tiswa ammont sostanzjali ta' flus qal is-Sindku. Iċ-ċifra eżatt ħa tkun provduta la tkun kompluta. |
| 62.3.23 | Is-sindku informa lill-Kunsill li Triq iż-Żejtun ħa tibda wara l-festa ħalli jkunu jistgħu jingħalqu toroq sew. |
| 62.3.24 | Is-sindku qal ukoll li qegħdin infitxxu sponsors biex jgħinuna nagħmlu l-pjanti għall- planters il-ġodda li saru fil-bajja tal- Magħluq. |
| 62.3.25 | Daħal xi ilment li fuq dik il- blata tal-Magħluq li qiegħda mmarkata 'Zone A' hemm xi dgħajjes li ingħataw il- permess mit- Transport Malta. Is- sindku irrimarka li jekk jinqala' xi aċċident ta' ħruq ikkawżat minn xi BBQ fuq xi dgħajsa min ħa jidħol responsabbli?<br><br>Ġie wkoll miftiehem li ħa jibda jingħata permess għal BBQs mill-Ponta sas-simenta. Li ħa tiġi immarkata 'Zone B'. |
| 62.3.26 | Is- Sindku semma li la darba jsir il- Master Plan, jixtieq li x-Xatt jibda jingħalaq il- Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. Però hu innota li r-rotta alternattiva meta jkun hawn l-għeluq tax- Xatt mhijiex waħda vijabbli u jrid li ssir proposta oħra. Għaldaqstant hu ppropona li Triq il- Kavallerizza u Triq is- Salvatur f'dan il- każ għandha ssir 'Two Way'.<br>Hawn is- Sindku tagħlab lill- kunsilliera kollha preżenti biex jagħtu l-vot tagħhom fuq din il-proposta: |

<table>
<tr><td></td><td>
<table>
<tr><td>Isem</td><td>Iva</td><td>Le</td><td>Asstensjoni</td></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
Il- Kunsilliera qablu b’mod unanimu.</td></tr>
<tr><td>62.3.27</td><td>Approvazzjoni għall- esebizzjoni ta’ filmat fuq il-bajja tal- magħluq. Data u ħin huma: 3,4,5,6 jew 10,11,12,13 ta’ Awwissu bejn 5pm u 9pm. – Approvata</td></tr>
<tr><td>62.3.28</td><td>Approvazzjoni għal BBQ organizzata mill l-Għaqda Dilettanti tan-Nar ta’ Marsaxlokk nhar il-Ġimgħa 14 ta’ Lulju, 2023 bejn is- 7pm u 11pm. - Approvata</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>62.4</td><td>Mistoqsijiet mill- Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>62.4.1</td><td>Il- Viċi Sindku staqsiet hekk il- mobile App. tal- kunsill għadhiex taħdem?<br>Il- kunsillier Zerafa ikkonferma li iva.</td></tr>
<tr><td>62.4.2</td><td>Il- Viċi Sindku xtaqet tkun taf jekk l-uffiċċju tal- Kunsill kienx miftuħ is- Sibt 27 ta’ Mejju u Sibt fit- 3 ta’ Ġunju, 2023?<br>Hawnhekk is- Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dakinhar min jidħol is- soltu kien ma jiflaħx. Hawnhekk il- Viċi Sindku rrimarkat li hu tajjeb li nibdew ninfurmaw fuq il- FB page tal-kunsill meta għal xi raġuni l- uffiċċju tal- Kunsill ma jkunx ħa jiftaħ is- Sibt.</td></tr>
<tr><td>62.4.3</td><td>Il- Kunsillier Zerafa staqsa meta ħa jkun imqiegħed is- Sellun tal- Kalanka?<br>Dan ġie mwieġeb mis- Sindku li għadu kemm sar mill- cleansing.</td></tr>
<tr><td>62.4.4</td><td>Il- Kunsillier Zerafa xtaq ikun jaf jekk mit- tlieta ta’ waranofsinhar ‘l hemm, il- bejjiegħa tal- Monti jaqilgħux ċitazzjonjiet bil- cameras ukoll jew le? Is- Sindku wieġeb li hemm l-cameras u jagħmlu xogħolhom.</td></tr>
<tr><td>62.4.5</td><td>Il- Kunsillier Zerafa staqsa jekk tal – Y Plates jistgħux jibdew iħottu fi Triq Giulino Maniscalco. Is- Sindku wieġeb li ma jaqbilx u hemm bżonn nsibu alternattiva oħra.</td></tr>
<tr><td>62.4.6</td><td>Il- Kunsillier ukoll semma li kien infurmat li l- cameras tal- LESA li hemm fejn restorant fil-pjazza mhux taħdem u hemm bżonn li LESA jiġu nfuramti u jirranġawha.</td></tr>
<tr><td>62.4.7</td><td>Issemiet ukoll il- letrina pubblika kif ukoll it- TIO li hemm il-Magħluq. Il- Kunsillier Zerafa xtaq ikun jaf f’liema stadju waslu. Is- Sindku wieġeb li x-xogħol miexi u t-TIO għadu kif tqiegħed il- madum ta’ ġewwa, kif ukoll li l-letrina qiegħda ssirilha l- faċċata u qiegħda fi stadju avvanzat li titlesta.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 62.4.8 | Il- Kunsillier Zerafa xtaq ikun jaf kif baqa' il- Kunsill fuq il-Hardstanding. Hawn is-Sindku wieġeb li għandna niltaqgħu minħabba tender kif ukoll għandha issir laqgħa mal -ERA. |
| | |
| **62.5** | **Monti ta' fost il- Ġimgħa.** |
| | Dan il- punt ġie eżawrit għax tressaq aktar kmieni fil- laqgħa. |
| | |
| **62.6** | **Jum Marsaxlokk.** |
| | Il- Kunsill qabel li Jum Marsaxlokk għandu jsir fl- 10 ta' Settembru. |
| | |
| **62.7** | **Fish Feast** |
| | Il- Kunsill qabel li l- Fish Feast għandha ssir fid- 9 ta' Settembru. |
| | |
| **62.8** | **Festa 2023** |
| | Ix- Xatt ħa jkun magħluq għal ċertu ħinijiet li għadhom iridu jiġu diskussi mal- pulizija. Id- dati huma fi 28, 29 u 30 ta' Lulju. Inridu wkoll nibagħtu lir- Reġjun Nofsinhar u lill-għaqdiet biex japplikaw għall- fondi. |
| | |
| **62.9** | **Triq iċ- Ċiċerun** |
| | Dan ġie eżawrit, minħabba li dan il- punt tressaq aktar kmieni matul il-laqgħa. |
| | |
| **62.10** | **Ħatra ta' persuna oħra inkarigata mit- 'tenders'** |
| | Il- Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha tinħatar persuna oħra inkarigata mit- tenders tal- Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| | |

| | |
|---|---|
| **62.11** | **Planning Authority** |
| | Il- Kunsillier Zerafa ressaq<br>PA/ 2439/23<br>PA/2729/23<br>PA/2512/23<br>Il- kunsill ma qabilx illi għandu jsir oġġezzjoni fuq dawn. |
| | |
| **62.12** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| | Skeda tal-pagament No 6/23 u petty cash. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana issekonda. Din ġiet approvata b'mod unnanimu bejn dawk preżenti. |
| | |
| **62.13** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali li jmiss hi fid-19 ta' Lulju, 2023 fl- 4:30pm |

Konfermati, illum 3 ta' Lulju, 2023.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_________________________ _________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*